MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1786/2005

**Rita Falzon**

**vs**

**Ronald Gauci**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu l-attrici talbet hlas tas-somma ta' mitejn u erbatax il-lira Maltija u sittin centezmu (Lm214.60) dovuta bhala rifuzzjoni ta' pagamenti li l-istess attrici ghamlet lit-terzi akkont ta' ammont akbar li kien originarjament dovut mill-kommunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-kontendenti u li skond il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-kontendenti kellhom jithallsu mill-konvenut, b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fil-5 ta' Dicembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mitejn u erbatax il-lira Maltija u sittin centezmu (Lm214.60) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------